12 ta' Novembru, 1951

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Marianna Micallef *versus* Giuseppe Zammit et.

**Testment — Legat "a limine intus" — Dar — Interpretazzjoni — Art. 356 u 354 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Sabiex tiġi nterpretata tajjeb dispożizzjoni testamentarja, l-interpreti għandu jippenetra l-intenzjoni leġittima tat-testatur, li hija l-liġi li tirregolaha. Imma meta d-dispożizzjoni testamentarja li għandha tiġi nterpretata hija magħmula b'termini ċari u li ma joffrux ruħhom għal xi ambigwità, mhux leċitu għal ħadd li jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xogħol tal-ġudizzju tiegħu.*

*Il-kelma "dar" użata mit-testatur fid-dispożizzjoni li biha huwa jħalli legat "a limine intus" għandha tfisser, mhux biss l-ambjenti li fihom huwa jgħammar, imma anki dawk l-ambjenti kollha annessi ma' l-istess dar u aċċessorji għaliha bħala "quid unum", indipendentement mid-denominazzjoni partikulari li t-testatur kien jagħti lil dawk l-ambjenti fil-ħajja tiegħu.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li bih l-attriċi, wara

li ppremettiet li fl-14 ta' Diċembru 1950 miet is-Saċerdot Don Michele Zammit (dok. A) li bit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruana tal-21 ta' Frar 1949 (dok. B) ħalla lill-attriċi b'titolu ta' legat in pjena proprjetà, fost affarijiet oħra, l-affarijiet kollha li jinsabu fid-dar tiegħu "a limine intus", esklużi però l-flus, deheb u titoli li jirrappreżentaw flus; u li fid-dar tal-fuq imsemmi Saċerdot Don Michele Zammit fil-mewt tiegħu kienu jinsabu, fost affarijiet oħra, karrozza, makna qadima ta' karrozza, tliet tyres ta' karrozza, travu ta' l-injam, ħames ġarar bin-naħal, nagħġa, żewġ mogħżiet, erba' ġ'djien, tliet pari ħamiem, tnax-il ħemel silla, tmint iħmiel tiben, kif ukoll antiporta u diversi oġġetti tal-luċe elettrika; u l-konvenuti, bħala eredi universali proprjetarji tat-testatur fuq imsemmi, hekk kostitwiti fl-istess testment fuq imsemmi (dok. B), għalkemm interpellati uffiċjalment, irrifjutaw illi jimmettu lill-attriċi fil-pussess ta' l-affarijiet fuq indikati, u l-istess konvenuti jippretendu illi dawn l-affarijiet ma kienux jinsabu fid-dar tat-testatur fuq imsemmi, u għalhekk m'humiex kompriżi fil-legat imħolli mill-istess Saċerdot Zammit lill-attriċi bit-testment ġà fuq imsemmi; talbet, in kontestazzjoni tal-konvenuti, li jiġi dikjarat u deċiż illi, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, l-affarijiet kollha fuq indikati kienu jinsabu fid-dar tal-fuq imsemmi Saċerdot Don Michele Zammit fil-mewt tiegħu, u illi l-istess affarijiet hawn fuq indikati huma kollha kompriżi fil-legat imħolli lill-instanti mill-istess Saċerdot Don Michele Zammit bit-testment tiegħu fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Caruana tal-21 ta' Frar 1949. B'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Jannar 1951;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Mejju 1951, li ddikjarat li l-affarijiet kollha ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni, ad esklużjoni tat-travu ta' l-injam, kienu jinstabu fid-dar tad-decujus, u illi l-istess affarijiet annessi huma kollha kompriżi fil-legat imħolli lill-istess attriċi mis-Saċerdot Don Michele Zammit fit-testment imsemmi, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti; billi kkunsidrat;

Illi qabel xejn jingħad illi l-partijiet jaqblu:— (1) Illi d-dar nru. 22, Parish Street, Imqabba, li kienet tifforma parti

mid-doti tal-benefiċċju li kellu għandu d-decujus fil-ħajja tiegħu, ġ'et minn qabel ma ħa l-benefiċċju Don Michele Zammit, għal ċerti komoditajiet, separata minn komoditajiet oħra tagħha. Dawk il-kumditajiet ta' dik id-dar li ma kienux utili għad-decujus ġew, minn meta ħa l-benefiċċju, imħollija kif kienu in sullokazzjoni għand terzi persuni, u l-oħrajn li żamm id-detenzjoni tagħhom, bħal ma kien żamm l-awtur tiegħu, servew biex jibqgħu komunikati mad-dar fejn miet, b'mod li l-fondi nri. 23, 24 u 25, u l-qatgħa tal-għalqa, li tgħaddi minnha għad-dar jew mill-garage, ġew ħaġa waħda. Dan il-bini kollu, kif ġà ntqal, ma kienx ta' proprjetà tad-decujus, imma kien għandu bħala doti tal-benefiċċju. Fil-qiegħ tal-għalqa kellu xi kmamar rustiċi li huwa kien isejħilhom "irrazzett", fejn kien iżomm in-naħal u l-bhejjem, u xi għalf għall-istess annimali; u wieħed mill-fondi l-oħra kien iservi ta' remissa jew garage; (2) li l-oġġetti li l-attriċi qiegħda tippretendi li ġew lilha mħollija bħala legat in assoluta proprjetà kienu mqassmin 'l-hawn u 'l-hemm fil-postijiet kollha fuq imsemmija bħala mniffdin mad-dar, u li magħha kienu jagħmlu l-fondi u l-ambjenti l-oħra li kellu taħt idejh id-decujus; (3) li l-affarijiet jew ħwejjeġ mobili li kienu jikkorredaw il-fond fejn kien joqgħod id-decujus ġà ġew kunsinnati lill-attriċi, il-għaliex dwarhom ma kienx hemm kwistjoni li ma kienux jidħlu fil-legat;

Illi l-affarijiet li l-attriċi qiegħda tippretendi huma mniżżla fl-att taċ-ċitazzjoni, li minnhom għandu jiġi 'eskluż it-travu ta' l-injam, li l-attriċi rrinunzjat għalih b'nota tat-23 ta' April 1951;

Illi t-termini tat-talba huma (1) dikjarazzjoni li għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-oġġetti msemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni kienu jinsabu fid-dar tas-Saċerdot Don Michele Zammit, u (2) illi l-istess oġġetti menzjonati huma kompriżi fil-legat imħolli lill-attriċi mid-decujus bit-testment tiegħu fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Caruana tal-21 ta' Frar 1949;

Illi fl-artikolu 8 tat-testment fuq imsemmi, is-Saċerdot Don Michele Zammit.............. għalaq dik id-dispożizzjoni tiegħu b'dawn il-kliem :— "It-testatur iħalli wkoll, b'titolu ta' legat in pjena proprjetà, is-somma ta' £200 sterlina u l-affarijiet kollha li jinsabu fid-dar tiegħu 'a limine intus', esklużi

però flus, deheb, u titoli li jirrappreżentaw flus, lill-imsemmija Marianna Micallef";

Illi l-kontestazzjoni kollha tirraġġira ruħha dwar il-kliem kontenut fid-dispożizzjoni msemmija, u ċjoè d-dicitura "dar tiegħi"; il-għaliex mentri l-attriċi, li hija legatarja, tagħti lil dik l-espressjoni s-sinifikat estensiv tad-dar fejn id-decujus kien jgħammar bl-annessi u konnessi konfinanti kollha, il-konvenuti, li huma l-eredi kjamati għall-eredità, isostnu li l-istess għandha tiftiehem fis-sens ristrettiv u limitativ tad-dar ta' l-abitazzjoni fejn miet id-decujus, u bħala konsegwenza ta' dawn iż-żewġ kontestazzjonijiet oppożitorji l-portata tad-dispożizzjoni tinsab affetta "loco vel re", u ċjoè limitata għall-oġġetti li kienu jinsabu fil-post fejn id-decujus kien jgħammar ad esklużjoni ta' l-oġġetti jew l-affarijiet l-oħra li kienu jinstabu fil-lokalitajiet, benkè annessi, imma li fihom ma kienx jgħammar id-decujus. Fi kliem ieħor, il-kontestazzjoni hija l-miżura u l-limiti ta' l-ewwel parti tad-dispożizzjoni (l-affarijiet kollha), hija ċirkoskritta u limitata mid-dar proprja fejn kien jgħammar u miet id-decujus;

Illi in tema legali, il-Kodiċi Ċivili Tagħna, sabiex jaqta' darba għal dejjem il-molteplici konġetturali u varjanti interpretazzjonijiet tal-legat "a limine intus", fl-art. 356, bħal ma sar f'kodiċijiet oħra kontinentali ta' żmienu (Franċiż art. 536; Siċ. 461; Parma 392; Ticino 167 u 842; Taljan 1865), spjega u ċċirkoskriva l-espressjoni "mill-għatba 'l-ġewwa", jew kif jingħad fit-test Ingliż, "a house with all that it contains". Għalkemm iddispożizzjoni "de quo agitur" hija "mutatis mutandis" modellata fuq dak l-artikolu, eppure l-istess ma tistax tiġi nterpretata fid-dawl tiegħu biss, l-għaliex fil-każ in diżamina d-dar bħala fond ma kienetx tifforma ndubbjament l-oġġett tal-legat, imma biss kienu jiffurmawh l-affarijiet kollha. Billi l-espressjoni "affarijiet kollha fid-dar tiegħu" għandha pjuttost legat ta' l-affarijiet mobili limitat jew determinat mill-post, huwa l-każ li tgħid li l-istess jidħol ukoll għall-interpretazzjoni taħt il-każ ta' ħaġa jew kwantità li għandha tittieħed minn xi lok, kif jinsab maħsub fl-art. 738 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta, fejn huwa stabbilit li "jkollu effett biss kemm il-darba l-ħaġa tkun tinsab f'dak il-

post", u fejn ukoll jingħad li "jekk biċċa biss tkun tinsab fil-lok imsemmi mit-testatur, il-legat ikollu effett għal dik il-biċċa" (ara Voet, LiberXXX-XXXII, parag. XVIII "de legatis" 3, Vol. IV, paġ. 523, Edizzjoni Venezia 1851 co' Tipi di Pietro Naratovich Editore);

Illi *sabiex* tiġi nterpretata tajjeb id-dispożizzjoni testamentarja, l-interpreti *jrid jippenetra l-intenzjoni* leġittima tat-testatur, li hija l-liġi li tirregolaha. Dak li jingħad astrattament fid-dottrina jrid jiġi konċiljat fl-assjoma u applikat skond il-fattijiet partikulari tal-każ li jkun; il-għaliex fil-prattika l-każijiet ivarjaw wieħed minn ieħor b'mod sorprendenti, li kważi jista' jingħad li qatt każ ma juri fiżjonomija ugwali għall-ieħor. Imma meta l-kliem tad-dispożizzjoni testamentarja li għandha tiġi nterpretata jkunu ċari u ma joffrux ruħhom għal xi ambigwità, mhux leċitu għal ħadd jalterahom bl-intromissjoni tax-xogħol tal-ġudizzju tiegħu, kif dejjem intqal mis-sapjenza romana li "*non aliter significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum et aliud sensisse testatorem*" (L. 69 De Legatis et Fideicommissis, fuq ċitata);

Illi l-*espressjoni* "affarijiet kollha li jinsabu fid-dar tiegħu 'a limine intus'", kontenuta fid-dispożizzjoni "*de quo agitur*", hija ċara u ma hijiex ambigwa. Tabilħaqq, minn żmien twil qabel il-mewt tiegħu (fuq is-sbatax-il sena) id-decujus kellu taħt idejh il-każamenti msemmija u l-għalqa mniffdin ma' xulxin, u dawk kienu jiffurmaw l-istess dar tiegħu. Ġie pruvat li huwa kien soltu jagħmel l-inbid tiegħu, jikkoltiva l-apikoltura u jieħu l-għasel, u jżomm il-bhejjem, bħal ma ġeneralment jagħmlu ħafna nies fil-kampanja, u kwindi ma kienx xejn anormali li huwa jagħmel użu, flimkien mad-dar fejn kien joqgħod u jgħammar, anki mill-każamenti l-oħra għal dan il-fini; anzi, għal bniedem fakoltuż bħalu, kienet tkun ħaġa anormali kieku żamm l-oġġetti tad-delizzju tiegħu li ssemmew ċirkoskritti ġewwa dik l-istess dar, meta l-istess kienu jirrikjedu spazju kbir u estensjoni mhix indifferenti. Kwindi anki l-annessi li d-decujus żamm, kif fil-fatt sab meta ħa l-benefiċċju, ma fejn kien jgħammar, kienu jikkostitwixxu d-dar tiegħu, bħal ma jkunu jikkostitwixxu aċċessorji l-istalel u l-ġonna ma' palazz jew villa padronali, u bħal ma jkun jik-

kostitwixxi mezzanin użat bħala uffiċċju aġġunt u konfinat ma' dar li jkun jabita fiha professjonista;

Id-denominazzjoni partikulari distintiva li jista' lil dawk l-ambjenti aġġunti għad-dar principali jagħtihom id-decujus fil-ħajja ta' kuljum ma tħassarx il-fatt li huwa jkun ikkunsidrahom id-dar tiegħu bħala "quid unum" materjalment, skond kif sabhom meta daħal fihom ma'li ħa l-benefiċċju u sakemm għoġbu hekk iżommhom waqt li kienu taħt idejh. Del resto, hekk ġie deċiż fis-sentenza ta' l-Appell ta' Torin tat-13 ta' Marzu 1896 in re "Istituto dei Rachitici vs. Teja" (Foro Italiano 1896, Vol. I, p. 1112), fejn intqal li l-espressjoni tad-dispożizzjoni fis-sens ta' legat ta' "tutto quello che si troverà nella mia casa, escluse le carte-valori" tikkomprendi, fost affarijiet oħra, anki ż-żwiemel u l-vetturi u l-arnes li jkunu jeżistu fir-remissi u fl-iskuderiji, jekk dawna l-lokali jkunu jagħmlu parti mid-dar u jkunu mdaħħla f'kuntratt wieħed tal-lokazzjoni. Minn liema konċett jitnissel il-ħsieb ta' l-"unitas" tal-fondi, jew tar-relazzjoni tal-prinċipali u aċċessorji, fejn il-prinċipali jkopri u jassorbi l-aċċessorji u jagħtihom il-karattru u n-natura tiegħu sakemm jibqgħu hekk, kif fil-fatt id-decujus, skond ix-xhieda, sab il-fondi li kienu taħt idejh meta ħadhom bħala doti tal-benefiċċju tiegħu u li bilmewt ta' l-imsemmi Saċerdot spiċċa;

Illi tant dina kienet il-volontà tat-testatur fid-dispożizzjoni li fuqha qiegħda ssir id-diskussjoni, illi huwa mill-affarijiet kollha, apparti li eskluda l-flus, deheb u titoli li jirrappreżentaw flus, fuq l-iskorta ta' l-art. 356 tal-Kodiċi Civili, ġie eskluda wkoll l-għodod tal-biedja u l-inġenji ta' l-annimali, kif jidher mill-art. 2 ta' l-istess testment, kif ukoll l-affarijiet kollha tal-kaċċa msemmija u mħollija bħala legat lil ħadd ieħor li mhux l-attriċi fl-art. 12 tat-tavoli testamentarji tiegħu, meta dawk l-oġġetti mobili kienu jinstabu permanentement, parti minnhom fl-anness imsejjaħ razzett, oħrajn fl-anness imsemmi remissa, u oħrajn fl-istess dar fejn kien joqgħod id-decujus. Minn dana jitnissel illi, li kieku d-decujus ried jiċċirkoskrivi l-affarijiet kollha li ħalla lill-attriċi għall-oġġetti fid-dar fejn kien joqgħod u jgħammar biss, huwa ma kienx iħoss in-neċessità li jeskludi l-inġenji u l-għodod tal-biedja — dak li juri, in konsegwenza, li bl-espressjoni kom-

prensiva "affarijiet kollha" huwa ried ifisser għall-oġġetti u ħwejjeġ mobili, barra minn dawk esklużi, fil-limiti tad-dar u l-annessi kollha tagħha;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenuti, li biha talbu li s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Mejju 1951, fuq imsemmija, tiġi revokata, u t-talbiet ta' l-attriċi jiġu miċħuda, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Li fit-testment tiegħu l-mejjet Dun Mikiel Zammit ħalla lill-attriċi, b'titolu ta' legat, barra £200, "l-affarijiet kollha li jinsabu fid-dar tiegħu "a limine intus", esklużi però flus, deheb u titoli li jirrappreżentaw flus";

Dik id-dispożizzjoni testamentarja taċċenna għall-kliem ta' l-art. 356 tal-Kodiċi Ċivili, li jagħti d-definizzjoni awtentika tal-frażi klassika "a limine intus", użata wkoll mit-testatur; u l-kelma "affarijiet" mhix ħaġ'oħra ħlief l-istess ħaġa bħal kliem "ħwejjeġ mobili" użati fit-test tal-liġi; u għalhekk għandu jiftiehem fis-sens ta' dak l-artikolu tal-Kodiċi. Fil-fatti t-testatur iddispona espressament favur ħadd ieħor minn diversi oġġetti li preżumibilment kienu jinsabu fid-dar meta miet. Iżda fuq dawn l-oġġetti ma hemmx ebda kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, kif irrilevat l-Ewwel Qorti, il-kwistjoni prinċipali bejn il-partijiet, li minnha tiddependi s-soluzzjoni tal-kontroversja f'din il-kawża, hi dik ta' x'għandu jiġi kunsidrat bħala d-dar tad-decujus; għax dak kollu li kien fid-dar, u li ma ġiex eskluż, la bis-saħħa tat-testment u lanqas bis-saħħa tal-liġi, jifforma parti mil-legat imħolli lill-attriċi;

Ikkunsidrat;

Illi d-decujus kien jokkupa, b'titolu ta' benefiċċju ekklezjastiku, dar, biċċa minn dar oħra konfinanti mad-dar prinċipali, għalqa, u kamra fiha wżata għall-bhejjem. L-għalqa kien jikkoltivaha, u kien irabbi wkoll xi bhejjem u naħal, u kien jagħmel l-inbid u jieħu l-għasel. Għalkemm ġie li biegħ l-għasel, l-inbid u s-silla, ma jistax jingħad li b'daqshekk huwa kien jeżerċita l-kummerċ, għax huwa kien qassis, u t-trobbija tan-naħal u ta' l-annimali, u l-koltivazzjoni tal-għalqa u

l-fabbrikazzjoni ta' l-inbid, kienu evidentement il-passatemp u d-delizzju tiegħu bħala bniedem tat-tajjeb imrobbi u jgħix f'raħal agrikolu. Għaldaqstant lanqas ma jista' jingħad li dawk kienu oġġetti tal-kummerċ tiegħu. Immela, apparti minn konsiderazzjonijiet oħra, lanqas ma jista' wieħed jeskludihom mil-legat, bis-saħħa ta' l-art. 354 (2) tal-Kodiċi Ċivili. Id-decujus kellu l-karrozza privata tiegħu, u għalhekk kellu wkoll garage imniffed mad-dar, u bħala tali dan il-garage kien jifforma parti mid-dar, kif ukoll kienet tifforma parti mid-dar l-għalqa li għaliha wieħed kien irid jgħaddi middar jew mill-garage. Id-decujus sab dawk l-ambjenti mgħaqqdin flimkien meta daħal in pussess tal-benefiċċju, kif kienu f'idejn ta' qablu, u żammhom, okkupahom, u gawdihom bħala "quid unum" bħal ta' qablu, għall-użu u kumdità tiegħu personali. L-għalqa bir-razzett, jew maqjel, u l-garage, kienu mgħaqqdin, u destinati li jkunu mgħaqqdin mad-dar, biex iservu għal min jokkupa d-dar, bħal ma hu l-każ ta' ġnien ta' dar anki meta hemm ġnien kbir imrawwem bis-siġar u b'ġid ieħor; u dana kien jidher mill-fatt li kienu f'dak l-istat meta ħadhom id-decujus, kienu konfinati ma' xulxin minn ġewwa, u kienu permanentement u regolarment użati mid-decujus, bħala parti minn daru. U ladarba l-konsistenza tad-dar taddecujus, għar-raġunijiet li ssemmew, tikkomprendi wkoll l-għalqa fil-kamra magħrufa bħala "r-razzett", u l-għalqa hija mgħaqqda u konfinata mad-dar u l-garage, bil-frażi "a limine intus" it-testatur ikkomprenda fil-legat dak kollu li kien hemm jinsab, ad esklużjoni ta' dak li minnu ddispona espressament fit-testment favur ħadd ieħor;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti.